Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-3 ta' Lulju 2023**

**Kump. Nru. 131/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Versus**

**Amanda Camilleri**
**(302185M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Amanda Camilleri**, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 302185M;

Akkuzata talli fix-xhur ta' Dicembru 2021, Jannar u Frar 2022 gewwa dawn il-gzejjer :

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' haddiehor, liema ammont ta' hsara maghmula huwa ta' aktar minn hames mitt Ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef Ewro (€5,000), u dan ai termini tal-Art. 308, 309 u 310 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bil-hsieb li taghmel delitt uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha, u li kieku sehh kienet ser

taghmel uzu minn zewg cekkijiet tal-bank BOV iffalsifikati, u dan ai termini tal-Art. 41(a), 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Iffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew hadet l-kunsinna ta' oggetti, jew gabret depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' ghamlet uzu minn cekk tal-bank BOV iffalsifikat fil-branka taz-Zejtun, liema ammont tac-cekk kien ta' 1,100 Ewro u dan ai termini tal-Art. 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Xjentement ghamlet uzu minn cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra ffalsifikati illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew hadet l-kunsinna ta' oggetti, jew gabret depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' xjentement ghamlet uzu minn cekk tal-bank BOV innumerat 28 iffalsifikat bl-ammont ta' 1,100Ewro u dan ai termini tal-Art. 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom, cioe' laqghet ghandha muniti tal-flus misruqa bl-ammont totali ta' mitt Ewro u dan ai termini tal-Art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta lil Amanda Camilleri bhala persuna recidiva meta giet issentenzjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula u dan bi ksur tal-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-hatja ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputata fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2023, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fejn il-Prosekuzzjoni irrimettiet ruhha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi l-imputata regghet tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-imputata fil-prezent qed tiskonta piena karcerarja ta' tlett snin u nofs rigward reati li m'humiex mertu tal-kawza odjerna.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 41(a), 49, 50 167, 169, 289, 308, 309, 310(1)(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputata **hatja** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal **tlett (3) snin priggunerijja effettiva**.

Illi rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni, permezz ta' Rikors datat 7 ta' Marzu 2023, sabiex is-somma ta' sittax-il elf Euro (€16,000) bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, ai termini ta' l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-imputata naqqset milli tobdi l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, moghtija minn din il-Qorti hekk preseduta fis-27 t'Ottubru 2022, il-Qorti **ser tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba, stante illi l-imputata giet inkarcerata fil-mori ta' din il-kawza fuq reati indipendenti minn dawk tal-kawza odjerna.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputata fil-kaz odjern.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**